MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 105/2002/1

**Luana Deguara**

**v.**

**Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna f'ismu proprju u kif ezercenti l-kummerc taht l-isem Edmar Clothing u Maria Scicluna mart Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1.1 Dan hu appell interpost mill-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi u li giet deciza fid-19 ta' Ottubru 2006, ghal fini ta' riforma minn kif hemm deciz.
1.2 Min-naha taghha, l-attrici pprevalixxiet ruhha mill-appell tal-konvenut biex hija tinterponi appell incidentali, ukoll ghal fini ta' riforma tas-sentenza appellata, limitatament pero` ghall-aspett koncernenti l-*quantum* tad-danni li gew likwidati mill-Qorti tal-ewwel grad.

1.3 Ghal intendiment ahjar ta' dana l-appell, qeghda tigi, hawn taht, riprodotta *in toto* s-sentenza appellata, li fiha gie ritenut u deciz hekk:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-30 ta` Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ecepiet illi:

"Fit-2 ta` Gunju, 2000 waqt li l-attrici kienet qed tahdem b`inkarigu tal-konvenut fil-fabbrika Edmar Clothing li kienet tinsab fil-Qasam Industrijali, Marsa, hi giet ordnata mill-konvenut sabiex flimkien mieghu tirkeb fuq speci ta` *'hoist'* li kien jintuza sabiex il-haddiema jitilghu fl-*istore* tal-istess fabbrika li jinsab madwar sular gholi mill-art, u dan peress li fil-fabbrika ma kienx hemm tarag li jaghti access ghall-istess *store*.

"Waqt li l-attrici kif ukoll il-konvenut, li kienu qed jigu elevati sakemm jaslu fl-gholi tal-*istore* permezz ta` dan il-*'hoist'* li kien jahdem bl-elettriku u li kien jikkonsisti f`qafas tal-hadid u f`*pallet* tal-injam issapportjat minn zewg frieket tal-hadid, kif jirrizulta mill-annessi erba` ritratti li qed jigu mmarkati bhala Dok. *"LD 1"*, Dok. *"LD2"*, Dok. *"LD3"* u Dok. *"LD4"*, f`salt wiehed inqalbu minn fuq il-*'pallet'* tal-injam u waqghu ghal isfel, b`konsegwenza li l-attrici wegghet serjament skond kif jirrizulta ahjar mill-anness certifikat mediku li qed jigi markat Dok. *"LD5"*.

"Il-konvenut huwa responsabbli ghal dan il-korriment li sofriet l-attrici u ghad-danni kollha konsegwenzjali peress li dan il-korriment gara minhabba t-tort u/jew negligenza

u/jew nuqqas ta` osservanza tal-prekawzjonijiet mehtieg fil-harsien tas-sahha tal-haddiema da parti tal-konvenut kif ukoll peress li dan ma pprovdiex *"a safe system of work"*, fost ohrajn billi naqas li jizgura li l-*'hoist'* fuq riferit kien ta` kostruzzjoni tajba, ta` materjal tajjeb u ta` sahha xierqa u mizmum kif imiss, kif ukoll addattat ghall-iskop li ghalih fuq ordnijiet tal-konvenut kien regolarment qed jintuza u naqas li jizgura li dan l-apparat ikun ezaminat regolarment minn persuna kompetenti.

"Il-konvenut gie nterpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attrici izda baqa` inadempjenti.

"Talbet lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

"1. Tiddikjarah responsabbli ghall-korriment u ghad-danni konsegwenzjali li sofriet l-attrici fit-2 ta` Gunju, 2000.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi.

"3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici d-danni kollha hekk likwidati.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-27 ta` Awwissu, 2001 u tat-18 ta` Jannar, 2002 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi:

"1. Fl-ewwel lok, il-gudizzju mhux integru, peress li l-kawza ma gietx diretta kontra l-konvenuta Maria Scicluna. Ghalhekk l-attur ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

"2. Fil-mertu l-incident ma sehhx tort tal-konvenut pero` sehh minhabba nuqqas da parti ta` l-istess

attrici u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

“3. Bla pregudizzju ghas-suespost anke jekk jirrizulta li l-imsemmi incident kien in parti tort tal-konvenut, ghal ragunijiet li ser jigu spjegati b`mod dettaljat fil-kawza, l-attrici kkontribwixxiet direttament ghall-incident;

“4. Kwantu jirrigwarda d-danni allegati, l-attrici jispetta lilha tipprovahom – pero` tajjeb li jinghad illi l-attrici rrifjutat li tibqa` tissokta l-kura u tigi operata, u kwindi l-attur m`ghandux jirrispondi ghal danni li gabet b`idejha l-istess attrici;

“5. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

“Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-13 ta` Marzu, 2002, li biha din il-Qorti ordnat li jsiru diversi korrezzjonijiet fl-okkju tal-kawza u fin-nota tal-eccezzjonijiet;

“Rat il-verbal tat-13 ta` Marzu, 2002, li fih il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

“Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;
“Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-10 ta` Mejju, 2002, li in forza tieghu inhatar Mr. Charles Grixti bhala perit mediku biex jirrelata dwar il-percentagg tad-dizabilita` permanenti pretisa mill-attrici;

“Rat ir-rapport tal-imsemmi Perit Mediku li gie minnu maghluf fl-4 ta` Marzu, 2003;

“Rat it-talba li resqu z-zewg partijiet ghall-hatra ta` periti medici addizzjonali;

“Rat li l-konvenut irtira t-talba tieghu;

“Rat id-digriet ta` din il-Qorti tas-17 ta` Novembru, 2003, li in forza tieghu gew mahtura bhala periti perizjuri Mr. Raymond Gatt, Mr. Ivan Esposito u Mr. Anthony Bernard;

“Rat ir-rapport tal-periti perizjuri pprezentat fil-11 ta` Frar, 2005, u mahluf minn Mr. Raymond Gatt fid-9 ta` Marzu, 2005, minn Mr. Ivan Esposito fis-26 ta` April, 2005, u minn Mr. Anthony Bernard fl-4 ta` Novembru, 2005;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

“Ikkunsidrat;

“Illi din il-kawza tikkoncerna incident fuq il-post tax-xoghol li sehh fit-2 ta` Gunju, 2000, fil-fabbrika Edmar Clothing li tinsab fil-Qasam Industrijali tal-Marsa. L-attrici kienet impjegata bhala *‘machine operator’* u kienet ilha hemm impjegata tlett xhur qabel ma sehh l-incident. Dakinhar tal-incident, il-kumpanija riedet taghmel *stock taking* u d-direttur taghha, Edwin Scicluna, qabbad lill-attrici u lil Anna Galea biex jghinuh f`dan ix-xoghol. Il-kumpanija kellha l-*istore* taghha f`sular gholi, u biex jitilghu u jinzlu mill-*istore*, fil-fabbrika kien hemm speci ta` *fork-lifter*, mahdum lokalment min-nies tas-Sur Scicluna stess, li kien jahdem bl-elettriku. Dan il-*fork-lifter* jew *hoist* kien maghmul bi *frames* tal-*aluminium*, isserrah fuq erba’ roti; kellu zewg arms li jitilghu u jinzlu u dakinhar tal-incident, is-Sur Scicluna dahhal *pallet* f`dawn l-*arms* u telghu fuq il-*pallet* hu u l-attrici. Anna Galea giet inkarigata tafas is-*switches* necessarji biex thaddem l-*arms.* Is-Sur Scicluna u l-attrici kienu fuq il-*pallets*, meta Anna Galea hadmet is-*switch* biex jibdew telghin sal-*istore*. Meta waslu gholi qiesu ta` zewg metri, il-*pallet* iccaqilqet, is-Sur Scicluna u l-attrici zbilancjaw u waqghu ghal isfel. L-attrici sofriet griehi permanenti u qed titlob kumpens.

"Il-principji li jirregolaw ir-responsabilita` ta` sid ta` intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu huwa ben stabbiliti fil-gurisprudenza.
"Fil-kawza ingliza "Wilsons and Clyde Coal Co. vs English", deciza mill-House of Lords fil-1937, Lord Maugham osserva *"In the case of employments involving risk … it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant, appliances, and works; secondly to select properly skilled persons to manage and superintend the business, and thirdly to provide a proper system of working"*.

"Fil-kawza "Calleja vs Fino", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta` Ottubru, 2980 [sic], gie kwotat b`approvazzjoni *"It is the employer`s duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this"*. Fil-kawza "Borg vs Wells et", deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Settembru, 1981, kompla jizdied li, *"In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen became careless about risks involved in their daily work"*. Fil-kawza "Grech vs Ellul", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Gunju, 1996, intqal, *"It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee`s safety in all circumstances at their place of work"*. Fil-kawza "Grech vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994, intqal li *"Il-makkinarju ghandu jkun imhares b`mod illi ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita`. U dan, biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun, fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali"*.

"Fil-kawza "Mifsud vs Camilleri", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta` Novembru, 1978, is-sid instab responsabbli ghall-incident meta l-haddiem, imqieghed fuq *platform* biex inehhi boltijiet minn belt, zelaq minn fuq il-*platform* u wegga; il-Qorti osservat li din il-possibilita` kienet prevedibbli u s-sid instab responsabbli ghax ma kienx hemm *guards* jew forma ohra ta` protezzjoni madwar il-*platform*.

"Dan l-ahhar indikat kaz jissbah xi ftit il-kaz meritu ta` din il-kawza. L-apparat li kellu s-sid ma kellu ebda tip ta` *'lqugh jew protezzjoni'.* Kienet magna mibnija bla konsiderazzjoni ta` xejn ghas-sahha ta` min ikun qed juzaha. Mid-deskrizzjoni li nghatat u r-ritratti esebiti, jidher li dak l-apparat huwa primittiv u mibni bil-*"barest essentials"*; kien forma ta` tarjola jahdem bl-elettriku, b`mod semplici. Sid ghandu dritt jara kif jiffranka l-flus, izda ma jistax jaghmel dan a skapitu tas-sahha tal-haddiema. Anke l-uzu tieghu dakinhar tal-incident sar b`mod traskurat u minghajr qies. Is-Sur Scicluna dahhal *pallet* fil-frieken ta` dak l-apparat u ordna lill-attrici titla' mieghu fuq dik il-*pallet* sal-*istore*. L-attrici uriet it-thassib u l-biza' taghha ghal dak il-manuvra, izda (forsi anke ghax kienet ghada gdida fl-impieg) accettat u telghet mieghu fuq il-*pallet*. Dik il-*pallet* lanqas kienet marbuta mal-*arms* tal-apparat u kien hemm, allura, il-possibilita` kbira li dik ticcaqlaq u tgheleb, kif fil-fatt gara.

"Ir-responsabilita` tas-sid tidher akbar meta tikkunsidra li kien qed juza magna kontra l-ligi u dan peress li dak l-apparat ma kienx certifikat bhala hieles minn periklu ghall-haddiema, kif jitolbu il-*Factories* (*Hoist and Lifts*) *Regulations* tal-1964. Din ic-cirkostanza tkompli titfa htija fuq il-konvenut.

"Dwar l-operat tal-attrici, din il-Qorti tinnota illi hija kienet qed tagixxi skond l-ordnijiet tal-*employer* taghha, u ma ghamlet xejn li seta ikkontribwixxa ghall-incident. Il-fatt li kienet ghada relattivament gdida fuq il-lant tax-xoghol, kellu jimilita kontra li tigi maghzula mis-sid ghal dik it-tip ta` xoghol, li min-natura tieghu kien riskjuz u perikoluz. Inoltre, is-sid lanqas ipprovda xi tip ta` *safety equipment*,

*helmets*, *safety boots* jew xi tip ta` irbit, u dan ikompli juri n-non-kuranza li kellu l-konvenut ghas-sahha tal-haddiema tieghu. Huwa accettat bil-gurisprudenza li l-*employer* irid jipprovdi lill-haddiema tieghu, meta dawn ikunu qed jaghmlu xi xoghol minn post li jistghu jaqghu, b`*harness* u 'lqugh, u jara mhux biss li dawn kienu *available*, izda jinsisti li jsir uzu minn dak is-*safety equipment* (ara "Pulizija vs Attard", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta` Settembru, 1999).

"Ghalhekk, din il-Qorti tikkonkludi li s-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident.

"L-attrici, wara l-incident, baqghet tircievi l-paga taghha sakemm il-fabbrika inghalqet, izda qed titlob li tinghata kumpens ghat-telf ta` qligh futur minhabba dizabilita` permanenti fuq il-persuna taghha stess. Biex isir il-kalkolu ghat-telf ta` qligh futur, hemm formula li tintuza mill-Qrati li ghandha l-bazi taghha (i) il-percentagg ta` dizabilita`; (ii) il-qligh prezenti tal-vittma; (iii) l-eta` tal-persuna koncernata; u (iv) tnaqqis minhabba l-fatt li l-hlas qed isir f`daqqa.

"Meta gara l-incident in kwistjoni, l-attrici kellha eta` ta` 18-il sena. Dan ifisser li hi kellha hajja ta` xoghol ta` 43 sena. Din il-formula, pero`, trid li wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-*chances and changes of life*, u bhala *multiplier*, m`ghandux, allura jittiehed in konsiderazzjoni l-eta` lavorattiva kollha futura tal-vittma, izda ghandu jsir tnaqqis minhabba cirkostanzi futuri u imprevedibbli li jistghu jnaqqsu l-hajja lavorattiva tal-persuna koncernata. Dan il-principju, u metodu ta` kif tinhadem il-*multiplier*, gie accettat dan l-ahhar mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Attard vs D`Amato", deciza fit-22 ta` Ottubru, 2002. Fid-dawl ta` dawn il-principji, din il-Qorti se timxi fuq *multiplier* ta` 35.

"Il-paga tal-attrici meta gara l-incident kien dak baziku ta` Lm50 fil-gimgha. Mehud kont, pero`, li din il-paga tizdied regolarment, u fuq medda ta` 35 sena, hu mistenni li din tizdied b`mod konsiderevoli, din il-Qorti se tahdem fuq *average* ta` paga ta` Lm70 fil-gimgha.

“Il-percentagg ta` dizabilita` gie mkejjel mill-perit mediku nominat mill-Qorti ghal 8%; il-periti addizzjonali, pero`, irreducew il-percentagg ghall-5%.

“Mehud kont, ghalhekk, ta` dawn il-figuri, il-kumpens dovut lill-attrici huwa ta`:

70 x 52 x 35 x 5%=Lm6,370

“Peress li l-kumpens se jinghata f`daqqa lill-attrici, soltu jsir tnaqqis ta` 20% mill-ammont shih – dan isir billi bhala telf ta` qligh futur, il-midrub ikun se jiehu f`daqqa dak li kien se jaqla fil-futur. L-incident sehh sitt snin ilu, u allura it-tnaqqis ghandu jkun ta` 8%, u l-kumpens dovut, allura, ghandu jkun ta` Lm5,860.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qed tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fit-2 ta` Gunju, 2000, u li fih sofriet griehi personali l-attrici, tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta` Lm5,860 (hames t`elef, tmien mija u sittin liri Maltin), u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta` Lm5,860 bl-imghaxijiet legali ta` 8% millum sal-pagament effettiv.

“L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut, hlief dawk tal-ewwel perit mediku innominat li ghandhom jibqghu sopportati mill-attrici.”

## L-APPELL TAL-KONVENUTI

2.1 Il-konvenuti hassewhom aggravati b’din is-sentenza u interponew appell minna ghal fini ta’ riforma fis-sens li, “…jigi dikjarat li ma kienx tort uniku ta’ l-appellanti izda li l-appellata kkontribwixxiet ghall-incident in kwistjoni u f’dan is-sens tilqa’ t-tielet eccezzjoni tieghu, u li fi kwalunkwe kaz l-ammont likwidat in linea ta’ danni sofferti mill-appellata, kemm jekk tigi milqugha t-tielet eccezzjoni fuq imsemmija u kemm jekk le, jigi ridott ghal wiehed ragjonevoli fic-cirkostanzi ghar-ragunijiet fuq imsemmija.”

2.2 L-aggravji tal-konvenuti appellanti, redatti f'forma xotta u telegrafika ghall-ahhar, huma tnejn jigifieri:

(i) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti fis-sens li l-appellata kkontribwiet ghall-incident de quo, ghaliex wara kollox hija setghet irrifjutat "bl-akbar facilita`" li titla' fuq il-*lift* imsemmi, izda ghazlet minn jeddha li titla' fuq il-*"fork-lifter"*. (jigi pprecizat li dan l-apparat jinsab deskritt bhala *"hoist", "lift"* u xi minn daqqiet ukoll *"fork-lifter").*

(ii) li, indipendentement mill-ewwel aggravju, meta l-ewwel Qorti ghamlet il-kalkolu ta' kif jinhadem il-qliegh futur ta' l-appellata, dan sar hazin "kif se jigi spjegat dettaljatament fil-perkors ta' dan l-appell [sic]".

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL U L-APPELL INCIDENTALI TA' L-ATTRICI.**

3.1 Min-naha taghha, l-attrici wkoll qeghda titlob riforma tas-sentenza appellata u fil-fatt talbet li din il-Qorti tal-Appell:

(i) tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu akkoljiet l-ewwel talba attrici u sabet lill-konvenuti unikament responsabbli ghall-korriment u ghad-danni konsegwenzjali li sofriet l-attrici fit-2 ta' Gunju 2000, u

(ii) tirrevokaha biss fil-parti fejn gew likwidati d-danni u gie adoperat *'multiplier'* ta' hamsa u tletin (35) sena u fejn sar tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija (20%) mill-ammont ta' kumpens dovut lill-attrici bhala *'lump sum payment'.*

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

3.2 Ghalhekk, dejjem skond l-attrici appellata, din il-Qorti mhux biss ghandha tichad l-appell tal-konvenuti izda ghandha wkoll tapplika kontrihom "is-sanzjoni fil-partita 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A annessa mal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li jirrizulta li l-att procedurali li bih inbdiet

din il-kawza kien wiehed fieragh u intiz unikament biex itawwal iz-zmien."

## IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI GHALL-APPELL INCIDENTALI

4. Il-konvenuti wiegbu li t-talbiet fl-appell incidentali huma insostenibbli ghar-ragunijiet imsemmijin fl-appell taghhom "*u dato ma non concesso* u bla pregudizzju ghall-appell in kwistjoni, li l-appell interpost mill-konjugi Scicluna ma jigix milqugh, is-sentenza moghtija … … ghandha tigi kkonfermata".

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Dan l-appell jirreferi ghal infortunju fuq il-lant tax-xoghol u li fih sfat korruta l-attrici, gja` impjegata mal-konvenuti gewwa fabbrika bl-isem ta' Edmar Clothing u li kienet topera fil-Qasam Industrijali, Marsa. Dan l-incident gara fit-2 ta' Gunju 2000. Mill-provi jirrizulta li l-attrici giet mitluba taghmel uzu minn apparat *("hoist")* biex taccedi minn ambjent ghal iehor aktar fil-gholi fil-bini fejn hija kienet qed tahdem. B'dan il-mod hija setghet titla' mill-fabbrika ghal fejn hemm l-*istore*. L-attrici telghet fuq dan l-ispeci ta' *lift* zghir (mahdum minn wiehed mill-impjegati stess), u flimkien maghha tela' wkoll il-konvenut Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna. F'hin minnhom huma nqalbu minn fuq il-*'pallet'* tal-injam u waqghu ghal isfel. B'rizultat ta' dan l-incident, l-attrici baqghet issofri minn dizabilita` ta' natura permanenti li originarjament giet stmata f'percentwal ta' ghoxrin fil-mija (20%) mill-konsulent mediku mqabbad mill-attrici stess wara l-incident, liema grad ta' dizabilita` pero` gie ulterjorment ridimensjonat u ridott sostanzjalment mill-perit mediku gudizzjarju li ffissah ghall-grad ta' tmienja fil-mija (8%), u mill-gdid, imbaghad, wara n-nomina ta' tlett periti medici addizzjonali, l-istess percentwal safa' ridott darb'ohra ghal wiehed ta' hamsa fil-mija (5%). Fil-fatt, jirrizulta li l-ewwel Qorti adoperat u mxiet fuq dan it-tielet kalkolu ta' hamsa fil-mija (5%) ghal fini ta' dizabilita`.

6. Kif rajna, il-konvenuti qeghdin jappellaw kemm fir-rigward tar-responsabilita` kemm ukoll mill-*quantum* ta' danni li gie finalment likwidat kontrihom mill-ewwel Qorti.

Dwar l-aspett ta' responsabbilita`, dwar liema l-konvenuti jidhrilhom li kien hemm htija kontributorja da parti tal-attrici, din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid u b'mod akkurat il-provi akkwiziti, ma jidhrilhiex li tezisti xi bazi illi minhabba fiha ghandha b'xi mod tvarja dak li gie konkluz mill-Qorti ta' l-ewwel grad.

7. Jirrizulta mill-provi prodotti li l-attrici giet mitluba, biex wiehed ma jghidx wkoll "ordnata", mill-imghallem taghha biex taghmel uzu minn dan il-*hoist*. Fi kliem iehor, l-attrici m'ghamlet xejn minn jeddha jew ghamlet xi haga li hadd ma qabbadha taghmel. L-incident *de quo* ma garax lanqas ghar-raguni li l-attrici ghamlet xi haga mhux flokha waqt li kienet riekba fuq il-*hoist*. Maghha sahansitra kien hemm jakkompanjaha l-imghallem taghha. Il-konvenuti jargumentaw – b'mod pjuttost sfaccjat – li wara kollox l-attrici setghet ghazlet li tinjora dak li talabha taghmel l-imghallem taghha u b'hekk ma jkun jigrilha ebda incident. Dan apparti l-fatt li, skond l-attrici, hija kienet kemm ghadha giet imwissija xi ftit qabel, li kien mistenni minnha li timpenja ruhha b'mod aktar tangibbli fix-xoghol taghha. Jibqa' fi kwalsiasi kaz il-fatt li l-incident ma sehhx ghar-raguni li l-attrici obdiet dak li ntalbet taghmel mill-imghallem taghha imma ghaliex l-apparat li tqieghed ghad-disposizzjoni taghha kien wiehed difettuz u monk f'dik li hija sigurta`. Dwar in-nuqqasijiet tas-sid, l-ewwel Qorti dahlet b'mod approfondit u mhux il-kaz li wiehed joqghod jirrepeti dak li gustament gie osservat u ritenut mill-ewwel Qorti ghax dan ikun biss ezercizzju ta' hela ta' zmien. Apparti li l-ewwel Qorti osservat li l-imsemmi apparat kien in kontravenzjoni tal-ligi, hija ziedet tosserva, u din il-Qorti taqbel maghha, li,

"Mid-deskrizzjoni li nghatat u r-ritratti esebiti, jidher li dak l-apparat huwa primittiv u mibni fuq il-*'barest essentials'*, kien forma ta' tarjola jahdem bl-elettriku, b'mod semplici. Sid ghandu jara kif jiffranka l-flus, izda ma jistax jaghmel dan a skapitu tal-haddiema. Anke l-uzu tieghu dakinhar tal-incident sar b'mod traskurat u minghajr qies"

L-attrici ma kellha ebda sehem f'dana kollu u l-fatt li fil-kors tax-xoghol taghha hija giet ordnata li taghmel uzu minn dan l-apparat m'ghandux iservi b'xi mod biex jissubixxi lill-impjegata ghal xi forma ta' htija kontributorja.

Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa wiehed manifestament infondat u fieragh, u qieghed jigi respint.

8. It-tieni aggravju jirreferi ghall-*quantum* tad-danni. Il-konvenuti ma jelaboraw proprju xejn dwar dan l-ilment. Jghidu biss li l-aggravju "se jigi spjegat dettaljatament fil-perkors ta' dan l-appell." Mhijiex wahda mill-funzjonijiet ta' din il-Qorti li toqghod tipprova teskogita jew tindovina x'setgha intenda l-appellant. Ghalhekk dan l-aggravju kif immotivat (?!) qieghed jigi meqjus bhala wiehed altament infondat.

F'kull kaz ukoll, l-appell incidentali interpost mill-attrici jolqot sewwa sew dan l-aspett dwar il-*quantum* tad-danni. Ghalhekk dan ifisser li din il-Qorti ser ikollha l-opportunita` li tesprimi ruhha dwaru wkoll.

## DWAR L-APPELL INCIDENTALI TA' L-ATTRICI

9. Fl-appell incidentali taghha l-attrici tissottometti li l-*quantum* li gie likwidat mill-Qorti ta' l-ewwel grad ghandu jkun oghla. Hija tippunta lejn zewg aspetti: dak tal-*'multiplier'* u dak fejn gie applikat tnaqqis minhabba l-*'lump sum payments'.*

10. Dwar l-ewwel ilment, ghandu jigi osservat qabel xejn, li l-ewwel Qorti applikat u adoperat *'multiplier'* mifrux fuq hamsa u tletin (35) sena. Tenut kont tal-fatt li, meta korriet, l-attrici kien ghad kellha biss tmintax-il sena, din il-Qorti hija tal-fehma li l-*'multiplier'* adoperat mill-ewwel Qorti kien wiehed adegwat. Fil-fatt hija jidhrilha, inoltre, li f'margni li joxxilla bejn 35 u 40 sena bhala *'multiplier',*

dana ghandu jitqies bhala wiehed mhux biss adegwat imma wkoll idoneju u sufficjenti.

L-attrici ssottomettiet, mhux minghajr b'certu ammont ta' validita`, illi kieku wiehed kellhu jaghmel il-kalkoli tieghu sew, kien jirrizulta` li skond l-istess sentenza citata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, jigifieri Attard v. Amato deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Ottubru 2002, kien jasal ghall-konkluzzjoni li l-*'multiplier'* f'dan il-kaz kellu proprjament ikun wiehed itwal, jigifieri wiehed mifrux fuq disgha u tletin (39) sena. Dan pero` huwa biss minnu sa certu punt. Dak li, forsi konvenjentement ghaliha, qeghda tinjora l-attrici huwa l-fatt li wara li gara l-incident, il-konvenuti ghazlu li jkomplu jzommuha fl-impieg taghha ghal zmien ta' sena cirka – sakemm il-fabbrika ghalqet u ma baqghetx topera. Dan ifisser li l-hajja lavorattiva ta' l-attrici giet estiza b'sena ohra bil-paga shiha li kellha. Jirrizulta li wara l-incident *de quo*, l-attrici ma baqghetx tahdem. Dan ma jirrizultax li gara in konsegwenza tad-dizabilita` li hija inkorriet. Minbarra dan, kull kaz ikollu l-fattispeci partikolari tieghu. Hekk, f'dan il-kaz, il-Qorti tinnota li l-ewwel Qorti addottat ex tunc rata ta' salarju ta' sebghin lira Maltin (Lm70) – il-valuta ta' dakinhar f'Malta fil-gimgha, minkejja l-fatt li l-attrici kellha biss paga settimanali ta' hamsin lira Maltin (Lm50). Dan ifisser li nghatalha awment immedjat ta' erbghin fil-mija (40%) fuq is-salarju attwali li kellha dakinhar. Fl-ahharnett, jigi osservat ukoll li l-figura finalment likwidata ta' Lm5,860 (ekwivalenti llum ghall-ammont ta' €13,650.13, tlettax-il elf mija u hamsin euros, tlettax-il centezmu) tidher relattivament wahda modesta u kontenuta ghas-semplici raguni li l-grad ta' dizabilita` tal-attrici kien wiehed baxx, jigifieri wiehed ta' 5%. Li kieku l-periti addizzjonali, jew finalment il-Qorti, kellha toqghod fuq dak illi fil-bidu kien irrelata *ex parte* l-ewwel konsulent mediku, din il-figura kien ikollha tigi multiplikata b'erba' darbiet. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-*'multiplier'* iffissat mill-ewwel Qorti kien wiehed adegwat u korrett.

11. It-tieni ilment, wiehed li jolqot direttament ukoll id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, huwa dwar il-fatt li

l-ewwel Qorti ghamlet riduzzjoni tal-ammont likwidat f'percentwal ta' ghoxrin fil-mija (20%), "kif solitament isir". L-attrici targumenta li minn mindu sehh l-incident sakemm inghatat l-ewwel sentenza kienu diga` ghaddew sitt snin u nofs u b'dana l-appell iz-zmien ser ikun twal aktar. Dan hu argument ukoll validu izda xorta wahda ma jnaqqas xejn mill-konsiderazzjoni l-ohra, xejn anqas valida, li hawn ser tithallas somma f'daqqa (*'lump sum'*) u li jfisser allura li l-attrici ma kienx ikollha toqghod tistenna li tippercepiha f'medda mifruxa fuq hamsa u tletin sena. Lanqas imbaghad ma rrizulta li kien hemm xi dewmien ikkagonat jew attribwibbli ghall-parti konvenuta. Jigi finalment osservat li l-incident sehh fit-2 ta' Gunju 2000, filwaqt li l-att tac-citazzjoni gie pprezentat fit-30 ta' Jannar 2002. Oltre dan, jirrizulta li l-attrici ma kenitx sodisfatta originarjament bil-percentwal ta' dizabilita` moghti mill-ewwel espert mediku gudizzjarju - 8% - u talbet, kif kellha legalment dritt, li jigu appuntati periti addizzjonali. Dan kollu jiehu z-zmien tieghu biex jigi proceduralment attwat. Din il-Qorti jidhrilha li hawn mhux il-kaz fejn ghandha tvarja dak li gie ritenut floku mill-ewwel Qorti dwar it-tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija (20%) mill-ammont ta' danni minhabba hlas *'lump sum'.*

12. L-ahhar punt li dwaru din il-Qorti trid tiddelibera jirrigwarda t-talba maghmulha mill-parti appellata sabiex f'dan il-kaz tigi applikata fuq l-appellanti s-sanzjoni tad-*'doppio spese'* stante n-natura fiergha u vessatorja ta' l-appell interpost mill-konvenuti.

Issa huwa minnu li l-mod tassew 'fqir' li bih il-konvenuti appellanti ressqu u immotivaw l-aggravji taghhom jirrazenta l-fieragh imma ghandu jinghad ukoll li, wara kollox, almenu taht aspett wiehed partikolari, anke l-attrici hassitha aggravata bis-sentenza appellata. Di fatti hija dehrilha sahansitra opportun li tipprevalixxi ruhha mill-appell principali biex tinterponi appell incidentali.

Dan l-appell incidentali mhux qed jigi milqugh minn din il-Qorti in kwantu gie meqjus bhala wiehed infondat. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalhekk tirdoppja l-ispejjez gudizzjarji a bazi tal-fatt li bl-appell li

gie interpost mill-konvenuti, ankorke` wiehed fjakk, b'daqshekk twalu l-proceduri aktar minn dak konsentit. F'kull kaz, din il-Qorti sejra tiehu hsieb li l-imghaxijiet fuq is-*'sorte'* jibqghu jitqiesu bhala dovuti mid-data li fiha nghatat l-ewwel sentenza sal-pagament effettiv.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad kemm l-appell principali tal-konvenuti, kif ukoll l-appell incidentali tal-attrici, tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 2006; l-ispejjez relattivi ghall-appell incidentali jkunu a karigu ta' l-attrici, mentri dawk tal-appell principali jkunu a karigu tal-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

L-imghaxijiet ffissati mill-ewwel Qorti fuq l-ammont ta' danni li gie likwidat fl-ammont ta' Lm5,860 ekwivalenti ghal tlettax-il elf sitt mija u hamsin euro, tlettax-il centezmu (€13,650.13c) li ghandu jithallas lill-attrici mill-konvenuti huma dekoribbli mid-19 ta' Ottubru 2006 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------